**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Lulju 2020**

**Talba Nru: 347/19 CZ**

**Cons (Trading) Limited (C 8995)**

**vs.**

**K.S.A. Limited (C 26771)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-6 ta' Novembru 2019 li biha premettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn u mija u tlettax-il Euro u tlieta w hamsin centezmu (€2,113.53) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija provduta u mibjugha mis-socjeta' mittenti lis-socjeta' intimata fuq bazi ta' konsenja fuq ordni maghmula mis-socjeta' intimata (dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok. 'A');

Illi minkejja diversi weghdiet da parti tas-socjeta' intimata u anke diversi interpellazzjonijiet da parti tas-socjeta' mittenti, inkluz l-ittra ufficcjali datata 24 t'Ottubru 2017 bin-numru 3989/2017 (hawn annssa u mmarkata 'Dok. B') u l-ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 bin-numru 2618/2019 datata 16 ta' Settembru 2019 (hawn annessa u mmarkata 'Dok.C) is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk din il-procedura kellha tigi istitwita quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant in vista tal-premess, is-socjeta' attrici titlob bir-rispett illi dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn u mija u tlettax-il Euro u tlieta u hamsin centezmu (€2,113.53) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija pprovduta u mibjugha mis-socjeta' mittenti lis-socjeta' intimata fuq bazi ta' konsenja fuq ordni maghmula mis-socjeta' intimata.

Bl-ispejjz, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficcjali datata 24 t'Ottubru 2017 bin-numru 3989/2017 u l-ittra ufficcjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 bin-numru 2618/2019 datata 16 ta' Settembru 2019 u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli skond it-termini u l-kundizzjoni ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta mressqa fil-21 ta' Novembru 2019 li permezz taghha eccepiet:

1. L-azzjoni hija llum preskritta bi preskrizzjoni ta' hames (5) snin;
2. Bla pregudizzju, l-ammont mitlub ma huwiex dovut kif se jirrizulta waqt i-kawza;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
4. Bl-ispejjez.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra illi permezz ta' digriet tad-9 ta' Dicembru 2019 ordna l-inverzjoni tal-provi u dan in vista' tal-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni ta' hames snin.

Ra illi permezz ta' digriet tad-9 ta' Marzu 2020 it-Tribunal iddikjara l-provi tas-socjeta' konvenuta dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni maghluqa,u dan in vista tal-fatt illi ma ressqitx il-provi kif ordnata taghmel.

Ra l-ittra ufficcjali prezentata 3989/17 fl-24 t'Ottubru 2017 u notifikata lis-socjeta' konvenuta fis-27 ta' Gunju 2018, kif ukoll l-ittra ufficcjali numru 2618/19 prezentata fis-16 ta' Settembru 2019 u r-risposta relattiva mis-socjeta' konvenuta fejn din tal-ahhar wiegbet li l-azzjoni hija preskritta u li l-amont ma huwiex kollu dovut, u huwa esagerat.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici b'referenza ghal diversi sentenzi dwar il-preskrizzjoni.

Sema' x-xiehda ta' Patricia Coleiro moghtija fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2020 li qalet li hija Direttur fis-socjeta' attrici, li qalet li kellhom relazzjoni kummercjali tajba mas-socjeta' konvenuta, u s-socjeta' attrici kienet tqieghed ghad-disponibilita tas-socjeta' konvenuta il-prodotti taghha 'on consignment'. Illi izda mill-2008 is-socjeta' konvenuta kellha problemi biex thallas, u bdiet thallas ammonti ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25) fil-gimgha biex tissalda l-kont li kien hemm.

Illi t-Tribunal iqis illi l-fatt illi s-socjeta' konvenuta hallset u baqghet thallas l-ammonti mitluba permezz ta' pagamenti ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25) fil-gimgha jindika li s-socjeta' konvenuta irrikonoxxiet id-debitu li kellha mas-socjeta' attrici. Anke li kieku ma kienx hemm il-hlas, il-fatt li d-direttur tas-socjeta' konvenuta kien jghid lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici biex jghaddi darb'ohra, kull meta kien imur ghall-hlas, ifisser rikonoxximent tad-dejn.

Illi dwar dan il-punt, il-qrati nostrani urew kif ghandu jitqies li sar rikonoxximent tad-debitu. Fis-sentenza *Joseph Cassar noe. vs. Sunny Muscat*[1], intqal:

> Ghall-precizazzjoni r-rikonoxximent ghall-iskop tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hi konfigurabbli mill-ko-ezistenza ta' dawn ir-rekwiziti, jigifieri, (a) il-volontarjeta`; (b) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut; (c) l-inekwivocita` u (d) l-esternazzjoni tar-rikonoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika ammissjoni, ad exemplum, l-weghda tal-hlas, xi rikjesta biex jinghata dilazzjoni tal-pagament, u l-hlas akkont (Kollez Vol XXIX pI p755; Vol XLIII pII p744; "Victor Calleja noe –vs- Nazzareno Vassallo et noe", Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Naturalment l-indagini biex tigi stabbilita jekk certu fatt jew dikjarazzjoni jikkostitwixxiex rikonjizzjoni tad-dejn jirrientra fil-qafas tal-poter diskrezzjonali tal-gudikant. Diskrezzjoni li tibqa' insindakabbli jekk jirrizulta li din tkun nieqsa minn vizzji logici jew skorrettezzi tad-dritt.

Illi intqal ukoll fis-sentenza *Austin Psaila vs. Lother Slabick*[2] illi:

> …..(i)r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts;

[1] Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) per Onor. Imhallef Philip Sciberras – 28 t'April 2004
[2] Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) per Onor. Imhallef Philip Sciberras – 9 ta' Frar 2005

> Jinsab precizat ukoll, kemm fi-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b' mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn lihu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;
>
> Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi "iuxta allegata et probata". Tajjeb li hawn jigimfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m' hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigiakkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu.
>
> L-accertament ta' l-ezistenza, jew le, ta' atti validament interruttivi tal-preskrizzjoni eccepita, jikkostitwixxi indagini ta' fatt rizervat ghall-apprezzament tat-tribunal adit.

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta illi l-atti li ghamel ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kull meta hallas parti mid-dejn, jew kull meta talab lil rapprezentant tas-socjeta' attrici sabiex imur biex jithallas darb'ohra, kollha jindikaw li d-dejn gie rikonoxxut u ghalhekk il-preskrizzjoni ma tapplikax.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni billi jichadha u jordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu.

L-ispejjez ta' dan l-episodju ghandhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu’

Deputat Registratur

< sentenza in parte >